**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tal-1 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors numru 104/2014 (JVC)**

**Raymond Grech**

**Vs**

**Lawrence Borg**

Il-Qorti;

Rat l-hekk imsejjah rikors guramentat ta' Lawrence Borg fejn ikkonferma:

1. illi l-allegat kreditur Raymond Grech ottjena titolu ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali fl-ismijiet "Raymond Grech vs Lawrence Borg", ittra numru mija u erbgha zbarra elfejn u erbatax (104/2014), liema ittra kienet spedita ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument A);

2. illi l-kreditur ittenta jesegwixxi permezz ta' mandat ta' qbid bin-numru tnejn u sittin zbarra elfejn u hmistax (62/2015 JVC), fl-ismijiet Raymond Grech vs Lawrence Borg, liema ezekuzzjoni ntalbet fuq vetturi jew mobbli proprjeta' tal-esponenti u gew maqbuda oggetti appartenenti lill-istess.

3. illi kif tixhed ir-riferta relattiva ghall-ittra ufficjali fuq imsemmija (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument B), kopja tal-istess ittra thalliet f'idejn Giovanna Meilaq, li tigi omm il-mara tal-esponenti.

Kif jirrizulta mic-certifikat mediku relattiv ghall-istat ta' sahha mentali ta' Giovanna Meilaq (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument C), fil-hin tan-notifika hija kellha kundizzjoni li rrendietha nkapaci li taghti xhieda tal-istess notifika. Fil-fatt, in segwitu ta' dan, kopja ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija baqghet qatt ma waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata, u cioe' l-esponenti.

4. illi ghaldaqstant, l-ittra ufficjali numru 104/2014, fl-ismijiet Raymond Grech vs Lawrence Borg ma tistax taghmel stat fil-konfront tal-allegat kreditur, u wisq anqas ma tista' twassal ghall-esekuzzjoni fuq il-proprjeta' tal-esponenti.

5. illi dan ir-rikors qieghed jigi kkonfermat bil-gurament minn Lawrence Borg, li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li graw.

Talab ghalhekk li din L-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq premessi, l-ittra ufficjali fl-ismijiet Raymond Grech vs Lawrence Borg ittra numru mija u erbgha zbarra elfejn u erbatax (104/2014), liema ittra kienet spedita ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma taghmel l-ebda stat u ma tistax tigi esegwita fuq il-proprjeta' tal-esponenti, stante illi huwa qatt ma kien notifikat bl-istess, kif spjegat fil-premessi ta' dan ir-rikors.

2. konsegwentement tordna li l-mandat ta' qbid numru 62/2015 fuq imsemmi ma jistax jigi esegwit fil-konfront tal-esponenti.

3. sussegwentement tordna illi l-oggetti maqbuda bl-imsemmi mandat ta' qbid ghandhom jigu rilaxxati lill-esponenti.

Bl-ispejjez kollha, inkluza VAT, kontra l-allegat kreditur li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-rikors ulterjuri ta' Lawrence Borg datat 6 ta' Awissu, 2015 li fl-istess rikors li permezz tieghu talab differiment tas-smiegh tal-kaz qajjem ukoll il-lamentela illi :

'huwa gie a konjizzjoni tal-fatt illi l-ittra ufficcjali bin-numru 104/2014, spedita ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kienet erronjament inserita fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, u dan meta tenut kont tal-fatt li l-pretensjonijiet hemm dedotti jaqghu fil-parametri tal-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), l-intestatura kellha tkun dik tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri;

Illi dan ikompli jzid mal-argument tal-esponenti, kif gia esprit minnu fir-rikors tieghu, li l-imsemmija ittra ufficjali ma ghandhiex tigi meqjusa li taghmel stat. . . .

Ghaldaqstant, in vista ta' dak suespost, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

'Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq premessi, l-ittra ufficcjali fl-ismijiet 'Raymond Grech vs. Lawrence Borg', ittra numru mija u erbgha zbarra elfejn u erbatax (104/2014), liema ittra kienet spedita ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma taghmel l-ebda stat, u dan oltre u minghajr pregudizzju ghal dak gia' premess u mitlub fir-rikors precedenti.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Raymond Grech fejn ikkonferma:

1. illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari huwa sottomess, li din mhijiex il-procedura idonea biex tigi attakkata l-ezekuttivita' ta' ittra ufficjali maghmula a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, din il-procedura ghandha tigi dikjarata bhala wahda rrita u mproponibbli.

2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-elementi rikjesti ai termini ta' l-artikolu 166A(5) ma gewx sodisfacentement osservati, partikolarment ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-terminu li fih ghandha tigi pprezentata l-procedura hemm stipulata.

3. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li ghalkemm dan ir-rikors jiddikjara lilu nnifsu bhala "rikors gruamentat", huwa ma jikkonsisti xejn f'rikors guramentat peress illi fl-ewwel lok huwa ma jikkonsistix fi procedura ndipendenti,

izda sar fl-atti ta' mandat ta' qbid, kif ukoll peress li huwa ma jsegwix id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 154 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu dwar x'ghandu jikkontjeni rikors guramentat *ad validitatem*.

4. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u fil-mertu, huwa sottomess li t-talbiet attrici huma fi kwalunkwe kaz infondati fid-dritt u fil-fatt.

5. illi l-ittra ufficjali 104/2014 fl-ismjiet Raymond Grech vs Lawrence Borg hija valida u ghandha effett legali fil-konfront tad-debitur u l-validita' taghha ma tistax tigi attakkata hlief ai termini ta' dak li jistipolaw l-artikolu 166A(5) u (6) tal-Kap 12. Konsegwentement din l-ittra ufficjali ma tistax tigi attakata abbazi ta' allegazzjoni li l-intestatura tal-Qorti hija wahda skorretta.

6. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ittra ufficjali 104/2014 fl-ismijiet Raymond Grech vs Lawrence Borg, hija valida u ghandha effett legali fil-konfront tad-debitur Lawrence Borg, u dana stante li giet prezentata quddiem Qorti kompetenti.

7. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ittra ufficjali 104/2014 fl-ismijiet Raymond Grech vs Lawrence Borg, kif ukoll il-mandat ta' qbid bin-numru 62/2015, huma validi u ghandhom effett legali fil-konfront tad-debitur Lawrence Borg, billi huma gew validament notifikati lill-istess debitur a tenur tal-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi thallew f'idejn membru tal-familja jew tad-dar fil-lok fejn joqghod.

8. illi huwa kontestat li fil-hin tan-notifika, Giovanna Meilaq kellha kundizzjoni li rrendietha nkapaci li taghti xhieda tal-istess notifika.

9. illi huwa wkoll kontestat li l-ittra ufficjali in kwistjoni qatt ma giet f'idejn id-debitur Lawrence Borg, billi huwa kien ghamel diversi weghdiet ta' hlas lill-esponenti. Hekk ukoll, huwa ghamel diversi weghdiet ta' hlas wara li l-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva u wkoll wara li sar il-mandat ta' qbid fuq imsemmi.

10. illi huwa evidenti ghall-esponenti li dawn il-proceduri saru biss bl-iskop li jipposponu u jtawlu l-ezekuzzjoni ta' l-ittra ufficjali in

kwistjoni u sabiex il-kreditur jibqa' jiccahhad, bhalma ilu jiccahhad, mill-hlas dovut lilu.

11. konsegwentement it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu kollha michuda.

12. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda kollha.

Rat id-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi minn dak li setghet tifhem il-Qorti r-rikors odjern huwa msejjes ai termini tal-artikolu 166A sub-artikolu 5 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

'(5) Titolu ezekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:

(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew

(ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-sub-artikoli (1), (2) jew (3):

B'dan illi dan ir-rikors ghandu jigi appuntat ghas-smigh fi zmien gimghatejn.

Is-sub-artikolu (6) jsegwi billi jghid:

'Ebda opposizzjoni, hlief dik li hemm specifikatament provdut dwarha fis-sub-artikolu (5), ma ghandha twaqqaf il-hrug jew l-ezekuzzjoni ta' xi att ezekuttiv li jinksieb taht dak is-subartikolu jew il-hlas tar-rikavat ta' xi mandat jew bejgh b'irkant li jsir konformement ma' dan.'

Fl-ewwel lok jehtieg li din il-Qorti tara jekk ir-rikors giex intavolat entro t-terminu previst fis-sub-artikolu (5) u cioe' fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika tal-mandat ezekuttiv. Mill-atti tal-mandat numru 62/2015 li gew annessi fuq ordni ta' din il-Qorti mal-atti odjerni jirrizulta li dan il-mandat gie esegwit fis-17 ta' Lulju, 2015 nonostante li kien gie prezentat fit-22 ta' April, 2015 u l-ordni tal-esekuzzjoni moghtija minn din l-istess Qorti nhar it-23 ta' April, 2015, cioe' gurnata wara.

Illi fir-rigward tan-notifika u r-raguni ghalfejn din tidher li saret tliet xhur wara, il-Qorti semghet ix-xhieda tal-marixxal Mario Portelli li xehed bla ebda tlaqliq li huwa kien informa lil Lawrence Borg bil-mandat u bl-ordni tal-Qorti ftit granet wara l-istess ordni izda dan kien talbu zmien ghaliex skont hu kien hemm trattattivi sabiex isir il-hlas. Jirrizulta li nonostante li l-marixxal Portelli kellem lil Lawrence Borg u nfurmah bl-ordni tal-Qorti mahruga fit-23 ta' April, 2015 ftit jiem wara biss, l-istess Portelli jghid li huwa ma ghamilx notifika u ezekuzzjoni tal-mandat u dan ghamlu biss fis-17 ta' Lulju, 2015 u dan ghaliex kif jirrizulta mill-atti tal-mandat intbaghtet korrispondenza elettronika mill-Avukat ta' Raymond Grech li wriet l-inkwiet taghha ghall-fatt li wara kwazi tliet xhur il-mandat kien ghadu ma giex notifikat. Immedjatament li Mario Portelli gie nfurmat b'dan kollu huwa wettaq in-notifika tal-mandat ta' qbid 62/2015. Ghalhekk filwaqt li jirrizulta ampjament pruvat lil din il-Qorti li Lawrence Borg sar jaf bil-mandat ta' qbid in kwistjoni ftit granet biss wara l-ordni tal-Qorti datat 23 ta' April, 2015 jirrizulta li l-ewwel notifika skont il-ligi saret nhar is-17 ta' Lulju, 2015. Sfortunatament il-ligi tghid mill-ewwel notifika u ghalhekk din il-Qorti tista' tiehu biss id-data tas-17 ta' Lulju, 2105 bhala punt ta' tluq minn meta seta jsir ir-rikors odjern pero' in vista tac-cirkustanzi tal-kaz il-Qorti qed tordna n-notifika ta' dan id-digriet lir-Registratur tal-Qrati t'Ghawdex sabiex jigi nvestigat id-dewmien li ma jidhirx li huwa gjustifikat ghan-notifika u ezekuzzjoni tal-

mandat ta' qbid 62/2015 u l-ordni tal-Qorti datati 22 ta' April, 2015 u 23 ta' April, 2015 rispettivament.

Jirrizulta li r-rikors odjern gie ntavolat fis-27 ta' Lulju, 2015 u ghalhekk jidher li dan sar entro t-terminu ta' ghoxrin gurnata mposti mil-ligi. Fir-rigward tat-tieni rikors datat 6 ta' Awissu, 2015 jidher li dan ukoll gie ntavolat bl-ezatt entro t-terminu ta' ghoxrin gurnata mposti fil-ligi.

Jirrizulta izda li r-rikors datat 27 ta' Lulju, 2015 ghalkemm jattakka l-validita' tal-ittra ufficcjali 104/2014 dan sar fl-atti tal-mandat ta' qbid ezekuttiv numru 62/2015. Il-Qorti nnotat li l-artikolu 166 (A) (5) jirrikjedi li r-rikors sabiex jigi attakkat it-titolu ezekuttiv ghandu jsir fl-atti tat-titolu ezekuttiv u mhux fl-atti tal-mandat jew att gudizzjarju ulterjuri notifikati lilu. Kien biss fuq insistenza ta' din il-Qorti li r-rikors tpogga gewwa process separat mill-mandat stante li proceduralment ma kienx jaghmel sens ir-rikors fl-atti tal-mandat. B'hekk huwa evidenti li r-rikors datat 27 ta' Lulju, 2015 jippekka proceduralment u jikser l-artikolu 166 (A) (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk anki ghal din ir-raguni biss f'dan ir-rigward ghandha tapplika l-ewwel eccezzjoni ta' Raymond Grech u r-rikors tas-27 ta' Lulju, 2015 l-interita' tieghu jisthoqq li jigi michud.

Illi fi kwalunkwe kaz dan ir-rikors principalment kien qed jattakka n-notifika tal-ittra ufficcjali bin-numru 104/2014 datata 17 ta' Novembru, 2014 u li tinsab esebita a fol. 3 tal-process ghaliex gie allegat minn Lawrence Borg li din l-ittra rcevietha omm il-mara tieghu fid-dar tieghu li skont hu ma kinitx kapaci tircievi tali notifika. Fil-fatt skont ir-riferta posittiva a fol. 4 tal-process jirrizulta li l-ittra ufficcjali rcevietha omm il-mara ta' Lawrence Borg cioe' Giovanna Meilaq fid-dar tieghu nhar l-20 ta' Novembru, 2014. In sostenn ta' dak espost minn Lawrence Borg gie prezentat certifikat ffirmat minn Dr. J. Vella Baldacchino, mhux guramentat, datat tmien xhur wara l-istess notifika fejn jigi allegat li Giovanna Meilaq tbaghti minn xi kundizzjoni li taghmilha mhux kompetenti li tircievi atti mill-Qorti. Ir-rikorrent ghazel li ma jressaqx lil Dr. J. Vella Baldacchino quddiem il-Qorti sabiex almenu jispjega ftit aktar fid-dettal x'inhi ezatt din l-kondizzjoni u l-applikabilita' tac-certifikat mahrug minnu ghall-fatt li sehh mill-anqas tmien xhur qabel.

Illi jirrizulta li xehed il-purtier Paul Debrincat li kkonferma li l-ittra ufficcjali in kwistjoni huwa fil-fatt ta lil Giovanna Meilaq u li huwa dehrlu li kienet f'kundizzjoni li tircievi n-notifika tal-ittra. Warajh ezatt xehdet quddiem din il-Qorti l-istess Giovanna Meilaq li kkonfermat mill-ewwel li gharfet lil Paul Debrincat u li kien hu li kien ha l-ittra in kwistjoni u li hi fethitlu l-bieb. Giovann Meilaq spjegat fid-dettal li hija ta' kuljum tigi fdata sabiex tmur fid-dar tat-tifla taghha li tigi l-mara tar-rikorrent Lawrence Borg u li hija fdata bil-kura tat-tfal taghhom tant li tmur tqajjimhom, tlibbishom u tohodhom l-iskola. L-istess Giovanna Meilaq ftakret bosta dettalji ta' dak li gara dakinhar li saret in-notifika tal-ittra in kwistjoni izda konvenjentement tinsa biss dik il-parti fejn ghaddiet l-ittra ghandha u x'ghamlet biha. Din il-Qorti wara li rat hi stess lix-xhud Giovanna Meilaq u semghetha tixhed bla ebda tlaqliq hija konvinta, bir-rispett kollu lejn dak dikjarat minn Dr. J. Vella Baldacchino tmien xhur wara n-notifika, li Giovanna Meilaq kienet taf sew x'qed jigri u li kienet kapacissima tircievi n-notifika tal-ittra ufficjali in kwistjoni. Ghalhekk fi kwalunwke kaz anki li kieku din il-Qorti kellha tqis ir-rikors datat 27 ta' Lulju, 2015 bhala wiehed proceduralment korrett xorta wahda tasal ghac-cahda tat-talbiet kontenuti fl-istess rikors in vista li n-notifika tal-ittra ufficcjali 104/2014 a fol. 4 tal-process, minghajr ebda ombra ta' dubju ghandha titqies bhala wahda valida fil-ligi.

Illi fir-rigward tar-rikors datat 6 ta' Awissu, 2015 jirrizulta li dan effettivament dahal fl-atti tal-ittra ufficcjali u sabiex jattakka l-istess ittra ufficcjali. Jirrizulta izda li la darba din il-Qorti qieset li l-ittra ufficcjali tas-17 ta' Novembru, 2014 giet debitament notifikata nhar l-20 ta' Novembru, 2015 konsegwentement jirrizulta li Lawrence Borg kellu jattakka tali ittra fiz-zmien ta' tletin gurnata min-notifika u mhux jintavola dan ir-rikors aktar minn disa' xhur wara.

Illi fi kwalukwe kaz, filwaqt li l-Qorti tiddeplora l-fatt li tali rikors datat 6 ta' Awissu, 2015 gie ntavolat flimkien ma' talba ghal differiment, procedura li certament mihjiex wahda legalment accettabbli, l-ilment imqajjem minn Lawrence Borg b'referenza ghall-Qorti kompetenti ndikata fl-ittra ufficcjali, mhux wiehed mil-lanjanzi ndikati fis-sub-artikolu (5) tal-artikolu 166 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li fuqu tista' tigi dikjarata mhux valida l-ittra

ufficcjali u ghaldaqstant xorta wahda jisthoqq li din it-tieni talba tigi michuda minn din il-Qorti.

**Digriet**

Ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha mqajjma minn Raymond Grech, tichad it-talbiet kollha kontenuti kemm fir-rikors datat 27 ta' Lulju, 2015 kif ukoll f'dak datat 6 ta' Awissu, 2015.

Tordna l-prosegwiment tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid 62/2015 minghajr ebda dewmien ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra Lawrence Borg.

Komunika r-Registratur tal-Qrati, Ghawdex.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur